**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 28 ta' Novembru 2024**

**Kawża Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 798/2024 JVC**

**Salvina Muscat (KI 426869M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Salvina Muscat talbet kif isegwi:

'<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

1. Ir-rikorrenti twieldet f'Malta fil-21 ta' **Settembru** 1969 u dan skont ma kkonfermatilha ommha Michelina Barbara u kif iddikjarat fuq ċ-Ċertifikat tal-Maghmudija taghha (Dok A). Hija dejjem issejhet bl-isem Vivianne u mhux Salvina. Dawn il-fatti m'hux riflessi fuq L-Att tat-Twelid taghha, fejn gie dikjarat illi r-rikorrenti twieldet fil-21 t'Ottubru 1969, kif ukoll li l-isem li inghata lilha kien 'Salvina'.

2. Id-dikjarazzjoni dwar id-data tat-twelid hija wahda skorretta u dan il-fatt huwa evidenti anke mid-data tal-att ta' twelid stess li hija indikata bhala it-8 t'Ottubru 1969. M'hux possibbli li l-att ta' twelid jinkiteb qabel it-twelid tat-tarbija, ghalhekk huwa car, illi id-data tat-twelid kienet żball tal-pinna u kellu jitniżżel 'Settembru' flok 'Ottubru' (ara Dok B).

3. Fl-istess ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, missierha huwa indikat bhala 'Nicola Ellul'. Missierha kien 'Nicholas' Ellul, u ghalhekk dan huwa żball iehor li hemm fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid taghha. Isem missier ir-rikorrenti huwa indikat korrett 'Nicholas' fic-certifikat tal-mewt tieghu u ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq li d-dettalji kollha jkunu konsistenti. (Dok C).

4. Ir-rikorrenti dejjem issejhet mil-genituri, hbieb, u ghalliema taghha bl-isem 'Vivianne' u qatt bl-isem Salvina. Tant li meta kienet hargitilha l-ewwel karta tal-identita taghha bl-isem 'Salvina' din kienet sorpriża kbira ghaliha.

5. Hija dejjem iffirmat 'Vivianne' u qatt ma kellha intoppi billi hadd ma kien jafha bl-isem Salvina. Dan sahansitra jidher minn passaport antik taghha mahrug lura fid-19 ta' Jannar 1996, fejn hija ffirmat 'Vivianne Muscat'.

6. Gara iżda li llum il-bank kummerċjali li tahdem bih ir-rikorrenti qieghed jitlobha sabiex tibdel il-firma taghha ghal wahda fejn jidher l-isem 'Salvina' minnflok 'Vivianne' u dan billi qieghed ghalihom johloq suspett ta' double identity. Ir-rikorrenti ma thossx li ghandha taghmel hekk, billi tkun proprju din il-bidla li se tohloq kambjament u mhux li hija zzomm il-firma oriġinali taghha, li fuq kollox tirrifletti l-identità proprja taghha.

7. Jehtieg ukoll li isem ir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid ta' bintha Nicole Muscat jiġi wkoll ikkoregut ghall-isem Vivianne, biex b'hekk dan ikun jirrifletti l-fatti korretti.

8. L-isem Vivianne mhux verżjoni iqsar mill-isem Salvina u ghalhekk tista ssir din il-bidla.

9. Dan ir-rikors qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 253 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

Ir-rikorrenti qieghda taffacja problemi ta' *double identity* u ghalhekk tixtieq illi d-dettalji taghha jkunu lkoll uniformi u korretti.

<u>Talbiet</u>

**Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti dejjem kienet, u hija konsistentament imsejjħa u magħrufa bħala 'Vivianne Muscat u mhux bħala 'Salvina Muscat'.

2. Tordna illi ssir korrezzjoni fl-att ta' Twelid tar-rikorrenti, tant illi l-isem 'Salvina' fil-kolonna 'ismijiet moghtija' jiġi sostitwit bl-isem 'Vivianne' u l-isem 'Salvina' fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tiġi msejha' jiġi sostitwit bl-isem 'Vivianne'.

   2a. Titlob illi isem ir-rikorrenti jinbidel minn 'Salvina' għal 'Vivianne' fuq l-att taż-żwieġ tagħha bin-numru 1740/1990.

3. Tordna illi ssir korrezzjoni fl-att ta' Twelid tar-rikorrenti, tant illi l-isem 'missier it-tarbija' ghandu jaqra 'Nicholas' Ellul flok 'Nicola' Ellul.

4. Tordna illi ssir korrezzjoni fl-att ta' Twelid tar-rikorrenti, tant illi il-kelma 'October tiġi sostitwita bil-kelma 'September taht il-kolonna 'il-Hin, il-jum, ix-xahar u s-sena' tat-Twelid.

5. Tordna illi ssir korrezzjoni fl-att ta' Twelid ta' bint ir-rikorrenti, ossia Nicole Muscat fic-certifikat numru 393 tas-sena 1997, sabiex l-isem 'Salvina' jiġi sostitwit bl-isem 'Vivianne' fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Omm, u dan sabiex ma jkunx hemm kwistjonijiet ta' identita' tal-omm.

6. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru 4268 tas-sena 1969, biex jirriflettu it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti.

7. Tordna lir-Reġistratur sabiex jagħti kopja vera tal-eventwali deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lid-direttur sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet ai termini tal-Artiklu 256 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-intimat.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **4268/1969** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1)**,** jidher li 'Salvina nee' Ellul' twieldet ġewwa Malta nhar it-tmienja (8) t'Ottubru 1969 lil 'Nicola Ellul' u 'Michelina *wife of the said* Nicola Ellul', fiż-żwieġ;

5. Illi taħt il-kolonna 'Ismijiet moghtija' ġew indikati l-ismijiet 'Salvina, Carmela, Dolores' filwaqt illi taħt il-kolonna 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjah' ġie ndikat l-isem 'Salvina'. Dana skont ma ddikjara d-dettalji fil-mument tat-twelid missier l-attriċi u cioe' 'Nicola Ellul' u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

6. Illi sussegwentament, l-attriċi ġiet indikata bl-istess isem (inkluż isem missierha) fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru **1740/1990** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 2) kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid ta' bintha (bħala l-omm) bin-numru **393/1997** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 3;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha magħmulha mill-attriċi, ħlief it-tielet talba in toto, u l-parti rilevanti fis-sitt talba li tikkonċerna t-tielet talba, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mill-liġi li l-attriċi, għal kuntrarju ta dak li hu mniżżel fl-atti pubbliċi suċitati, ċioe, l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **4268/1969,** l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru **1740/1990,** u l-Att tat-Twelid ta' bintha (bħala l-omm) bin-numru **393/1997**, hija verament **kienet u għadha** konsistentement magħrufa u imsejħa bl-isem **'Vivianne'** u mhux bl-isem **'Salvina'**, u li d-data tat-twelid tagħha hija verament il-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru 1969 u mhux il-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 1969;

8. Illi l-esponent qiegħed joġġezzjona fir-rigward tat-tielet talba in toto, u l-parti rilevanti fis-sitt talba li tikkonċerna t-tielet talba, stante illi sabiex jiġi mibdul isem missier l-attriċi, dan kellu jew għandu jiġi kjamat in kawża tramite l-eredi kollha tiegħu;

9. Illi di piu f'każ illi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi (apparti t-tielet talba u l-parti tas-sitt talba fejn issir referenza għat-tielet talba), għandha ssir talba ulterjuri mill-attriċi sabiex isimha jiġi mibdul ukoll minn **'Salvina'** għal **'Vivianne'** fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru **1740/1990**;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 20 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat partikolarment l-affidavit tal-istess rikorrenti li tikkonferma illi hija minn dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Vivianne u mhux Salvina, li d-data tat-twelid tagħha kienet dik tal-21 ta' Settembru 1969 u wkoll li missierha kien jismu Nicholas Ellul u mhux Nicola.

Rat ukoll l-affidavit ta' omm ir-rikorrenti illi wkoll ikkonfermat id-data ta' twelid ta' bintha bħala -data tal-Indipendenza cioe' il-21 ta' Settembru 1969 u li isem il-missier kien Nicholas, filwaqt illi bintha minn dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Vivianne u mhux dak ta' Salvina kif indikat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid.

Illi dwar id-data tat-twelid il-Qorti rat ukoll id-dokument a fol 25 tal-proċess, li huwa l-att tat-twelid tar-rikorrenti, illi minnu jidher anke prima facie li fih l-iżbalji stante li juri d-data tal-att bħala li hija t-8 ta' Ottubru 1969, id-data tat-twelid bħala l-21 ta' Ottubru 1969 u d-data ta' meta daħal l-att bħala dik tat-8 ta' Novembru 1969. Evidentement hemm tahwid sħiħ fid-dati.

Rat iċ-ċertifikat tal-magħmudija tar-rikorrenti a fol 7 tal-proċess li ma jħalli l-ebda dubju li din twieldet fil-21 ta' Settembru 1969, tant illi tgħammdet fit-28 ta' Settembru 1969. Kieku twieldet wara certament ma kinitx tista' titgħammed qabel!

Illi fiċ-ċirkostanzi kollha suesposti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba kif korretta llum stess permezz tal-verbal kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

4. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

5. Tilqa' l-ħames talba kif dedotta;

6. Tilqa' s-sitt talba kif dedotta;

7. Tilqa' s-seba' talba kif dedotta;

8. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**28 ta' Novembru 2024**